MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Talba Numru. 680/2007

**Maltacom p.l.c. u b'digriet tal-11 ta' Jannar 2008 isem is-socjeta' attrici Maltacom plc gie sostitwit bl-isem "GO plc" (C22334)**

**Vs**

**Nazzareno Bonnici (I.D. 300259M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Settembru 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn tliet mija u hamsin Euro u sitta u sebghin centezmu (€2350.76) ekwivalenti ghal elf u disa` Liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1009.18) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-7 ta' April 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn tliet mija u hamsin Euro u sitta u sebghin centezmu (€2350.76) ekwivalenti ghal elf u disa` Liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1009.18) bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------